# IL-LHUD, BARRA U GEWWA MINN PAJJIZHOM, FI ZMIEN KRISTU

Hawn min igħid li aktar hawn Maltin barra minn Malta milli f'Malta stess. Din, naturalment hija esaġerazzjoni, imma huwa minnu li ħafna Maltin jinsabu barra minn pajjiżhom imħabba xi raġuni jew oħra. Fi żmien Kristu l-Lhud kienu jinsabu f'sitwazzjoni bħal tagħna. Ħafna minnhom kienu jgħixu f'pajjiżhom, imma ħafna oħrajn, jew imħabba l-eżilju, jew imħabba l-business kienu jinsabu f'pajjiżi mbegħda, u saħansitra f'Ruma, fejn kultant kienu tant qawwijin, li l-istess Ċiċerun kien jibża' minnhom: fiddifiża li huwa għamel, lil Valerju Flaccus, jgħid, li ħa jitkellem bilmod, anke fil-qorti, "li ma jmorrux dawk il-Lhud ta' Ruma jisimgħu x'jien ngħid u jagħmluli d-deni".

*FI ŻMIEN ERODI*

Fi żmien Erodi, il-popolazzjoni tal-Palestina kienet tlett miljuni u nofs, tlieta minnhom, Lhud. Barra mill-Palestina kien hemm l-istess numru ta' Lhud, imma dawn, naturalment, ma kienux daqshekk importanti daqs il-Lhud tal-Ġudeja għax kienu mxerrdin mad-dinja kollha magħrufa.

Il-Bibbja tgħidilna ħafna fuq il-ħajja ta' kuljum ta' dawn in-nies f'pajjiżhom. Il-figuri li jagħtina t-Testment il-ġdid, huma kollha figuri ta' bdiewa, rgħajja, nagħag u sajjieda. Niltaqgħu ma' ġummajsi, żebbuġ, qamħ u sikrana. Il-bidwi Lhudi kien għaqli u dejjem kien jirnexxilu jipproduċi biżżejjed għalih u biex jesporta. Iż-żejt taż-żebbuġ kien jintbagħat Tire, Sidon, Sirja u l-Eġittu. It-tamal u l-balzmu ta' Ġeriko kienu imsemmijin ħafna; u l-qatran tal-Baħar Mejjet, kien magħruf maddinja kollha kif iddur. Saħansitra l-ħut tal-Galilija kien tant kotran u tajjeb, li kien jiġi immellaħ u mibgħud pajjiżi 'l bogħod.

*INĊIŻURI*

Barra mill-egħlieqi u l-merħliet, kien hemm ukoll l-artiġjanat u s-snajja': ħaddieda, ħajjata, bennejja, mastrudaxxi, barbiera. Saħansitra kien hemm, kittieba, jew kopijisti, u inċiżuri, imma n-nies tas-snajja' kienu ftit wisq b'paragun mal-oħrajn li kienu jaħdmu l-art bil-paċenzja kollha bħalma s-suċċessuri tagħhom għadhom jagħmlu sal-lum.

Barra minn dawn kien hemm xi wħud li kellhom proprjetà kbira mhux ħażin, bħalma jidher mill-parabbola tal-qaddej li kien jamministra artijiet kbar tas-sinjur tiegħu fl-assenza tas-sinjur. Imma dawn naturalment kienu ftit, f'pajjiż żgħir.

Ma kienux nieqsa ħaddiema impjegati, bħal tal-parabbola tal-impjegati fil-vinja, li però ma kienux jaħdmu għal aktar minn sitt snin, jew ftit iżjed. Isfel nett kien hemm l-iskjavi, il-biċċa l-kbira barranin, imma xi wħud Lhud ukoll.

*KUMMERĊ*

Il-Lhud wirtu l-imħabba tagħhom lejn il-kummerċ minn għand il-Grie-

gi, li minn għandhom ukoll isselfu għadd ta' termini li għaddew għall-ilsien tagħhom, bħalma fis-seklu sit-tax, vokabularju Taljan daħal fl-ilsien Ingliż u Franċiż.

Kienu l-merkanti li fformaw relazzjoni siwja mal-Lhud tad-Dijaspora — il-Lhud fl-eżilju. Din il-kelma, Dijaspora, ġejja mill-Grieg, kienet tfisser Eżilju, u kienu jużawha kemm dawk il-Lhud li telqu minn pajjiżhom minn jeddhom u kemm minn dawk li baqgħu barra wara l-eżilju sfurzat taż-żmien il-Babiloni u l-Assirjani, il-għaliex kienu sabu xogħol lukrattiv li mhux ta' min jitilfu! F'ħafna artijiet, iż-żewġ kwalitajiet ta' eżiljati kienu waqqfu kommunitajiet qawwijin u b'saħħithom li ġew aktar imsaħħa minn rifuġjati tal-gwerer kontra l-Ptolomej, is-Selewkidi, il-Makkabej u fl-aħħarnett it-taqtiegħ ma' Ruma u Parthja.

*SULDATI*

Il-Lhud tal-Eġittu waslu sa l-Elefantin, ħdejn Aswan. Huma tant kienu jagħmlu suldati tajbin, li il-Persjani, meta ħakmu l-Eġittu fis użawhom bħala suldati. Il-Lhud kienu jinsabu wkoll fil-Persja, fl-Arabja u fil-Babilonja, fejn baqgħu numerużi, kif ġa għedna anke wara l-editt tal-impatrijazzjoni, imħabba li kienu sejrin tajjeb fix-xogħol tan-negozju. Bejn 320 u 198 Q.K., waqt il-ħakma Ptolemajika, naturalment il-Lhud aktar żdiedu fl-Eġittu. Kienu jinsabu wkoll fil-Greċja, u minn hemm baqgħu deħlin fl-Italja u saħansitra fin-Nord Afrika. Ħafna minn dawn l-emigranti tant irnexxew li inkorporaw ruħhom sewwa fil-pajjiż tagħhom ġdid, u setgħu jilħqu anke uffiċjali għoljin tal-istat jew ġenerali.

S'hawnhekk ftit hemm differenza bejn dawn il-Lhud u l-emigranti taż-żmienna li semmejna fil-bidu ta' dan l-artiklu. Imma fil-fatt kien hemm żewġ affarijiet li kienu jifirduhom minn emigranti oħrajn. L-ewwel kien l-affezzjoni li kellhom lejn dîn art-hom, u t-tieni kien hemm ir-rabta mat-tempju ta' Ġerusalemm.

Fir-reliġjon, il-Lhud kienu ferm differenti minn oħrajn li għalihom reliġjon kienet bħal oħra u kulħadd kellu l-jedd iqim l-allat tiegħu. Il-Lhud kienu jżommu li hemm Alla wieħed, u li Alla tagħhom kien l-Alla veru, u li l-allat l-oħra kienu foloz. Dan it-twemmin ma setax ma jġibx ħafna inkwiet fost ġnus oħra li għalihom dan deher bħala suppervja nazzjonali.

*ĦLAS 'CASH'*

Barra minn hekk semmejna r-rabta tal-Lhud għat-tempju tagħhom ta' Ġerusalemm. Għax Ġerusalemm, kif rajna tajjeb dan l-aħħar mill-ferħ li ħassew il-Lhud meta reġgħu daħlu f'din il-Belt wara l-gwerra tas-sitt ijiem, dejjem kellha post speċjali riżervat fi qlub il-Lhud. It-tempju kien iċ-ċentru tad-dîn tagħhom. L-Introjti ta' dan it-tempju kienu parzjalment ġejjin mid-deċmi tal-Lhud tal-Palestina u mill-offerti żgħar tad-devoti, imma l-ikbar dħul kien ġej minn dawk il-kommunitajiet għonja tad-Dijaspora. Ix-xewqa ta' dawn kollha kienet li jkollhom ix-xorti li jinvistaw it-tempju xi darba f'ħajjithom, u jekk jistgħu anke kull sena; imma l-Lhud kollha emigrati kienu jħallsu t-taxxa barra minn pajjiżhom f'banek li kienu jitwaqqfu għal tal-apposta. Dan il-ħlas bejn il-banek u t-tempju mbagħad kien isir 'cash', u mħabba f'hekk mhux darba

jew tnejn kien jinqala' nkwiet imħabba li l-pajjiżi mhux dejjem jaqblu li flushom jgħaddu għal pajjiż ieħor.

Meta twieled Ġesù fil-Lhudija, min kien jaħkem kellu ta' bil-fors jagħti kas tal-Lhud tad-Dijaspora. Mingħajrhom kien biss jaħkem nofs imperu u mhux wieħed sħiħ.

NORBERT ELLUL VINCENTI, O.F.M.

# KTIEB IL-GHERF

## IL-KTIEB U L-IMPORTANZA TIEGHU

"Imma kif tbiddlet id-dinja!" Din l-espressjoni tista' tismagħha kullimkien. U veru li tbiddlet id-dinja. Tbiddlet f'kollox. F'dak li hu materjali sar progress kbir. Għandna l-ajruplani, karozzi bir-radam, kumditajiet kemm trid u wasalna nitilgħu fil-qamar! Kulħadd jiekol, jilbes millaħjar u jiddeverti kemm jista'. Imma f'dak li jmiss lir-ruħ sar xi regress ukoll. Ix-xjuħ tagħna jgħidu li morna għall-agħar. Hawn il-moda li ma tantx tiġbdek lejn Alla. Issib divertimenti li jġiegħluk tinsa l-ħajja tar-ruħ. F'ħafna t-twemmin naqas ġmielu, meta ma għebx għal kollox. Il-qassisin, patrijiet u sorijiet qed jonqsu bil-minuti fid-dinja ta' żmienna.

Dan kollu minnu, imma mhux l-ewwel darba li ġara hekk fl-istorja tal-bniedem. Fl-aħħar mitt sena qabel ma ġie Kristu fid-dinja l-ħajja kienet tixbaħ ħafna lil dik ta' żminijietna, speċjalment fl-Eġittu. Kien hemm progress kbir: ma kienx hemm ajruplani u karozzi, imma kien hemm ħwejjeġ oħra. U bħallum, il-bniedem kien għamel regress kbir spiritwali. Għax is-sbuħija tal-ħajja materjali bdiet tnissieh il-ħajja tar-ruħ. U ħafna bdew jitilfu l-fidi, speċjalment fost il-Lhud li kellhom il-vera fidi.

F'dak iż-żmien imbiegħed għex raġel tar-ruħ li, bħax-xjuħ tagħna, ma kienx soddisfatt bil-progress materjali u r-regress morali ta' żmienu. Dan il-bniedem tajjeb kien Lhudi mill-Eġittu u li kien joqgħod f'Lixandra fejn id-dinja kienet maqluba ftit jew wisq bħal tagħna. Ma nafux x'kien jismu dal-bniedem, imma nafu sewwa kif kien jaħsibha. Immedita fuq il-għawġ ta' żmienu u lemaħ f'liema periklu kienu jinsabu ħutu l-Lhud. Ta' raġel qaddis li kien ma żammx l-għerf spiritwali tiegħu għalih biss, imma niżżlu f'naqra ta' ktieb li għamel ġid kbir lil dawk kollha li qrawh. U dal-ktieb jista' jagħmel ġid kbir lilna wkoll jekk naqrawh tajjeb u niflu t-tagħlim sabiħ tiegħu.

### *IŻ-ŻMIEN U L-ISKOP TA' KTIEB IL-GHERF*

Għedna li l-ktieb inkiteb għallħabta tas-sena 100 qabel Kristu minn raġel tajjeb li kien igħix f'Lixandra tal-Eġittu. Għedna wkoll li dar-raġel kien Lhudi, imma kien jaf tajjeb il-Grieg u fuq il-kultura Griega (ellenistika) kemm għax din il-kultura kienet mifruxa mad-dinja ta' żmienu, u aktar għax Lixandra